Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/2745

12.5.2025

**DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**tal-5 ta' Mejju 2025**

**li tistabbilixxi r-Regoli dwar l-Ordni Ewropew tal-Mertu**

(C/2025/2745)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 25(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-onorifiċenzi fl-ordnijiet nazzjonali u l-unuri simili mogħtija mill-Istati Membri jirriflettu impenn kondiviż madwar l-Unjoni biex tiġi rikonoxxuta l-eċċellenza u jiġu ppremjati l-kontributi li jarrikkixxu lis-soċjetà.

(2) Il-ħolqien ta' onorifiċenza fil-livell tal-Unjoni li tirrikonoxxi, b'mod simili, kontributi eċċezzjonali għall-integrazzjoni u għall-valuri Ewropej ikun irawwem sens ta' għaqda, identità u skop komuni fost iċ-ċittadini tal-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Ordni Ewropew tal-Mertu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Prinċipji ġenerali**

1. L-Ordni Ewropew tal-Mertu (l-"Ordni") huwa stabbilit biex jonora l-kisbiet ta' persuni li jkunu taw kontribut sinifikanti għall-integrazzjoni Ewropea jew għall-promozzjoni u għad-difiża tal-valuri minquxa fit-Trattati.

2. L-Ordni għandu jikkonsisti minn tliet gradi onorifiċi krexxenti:

— Membru tal-Ordni;

— Membru Onorevoli tal-Ordni; u

— Membru Illustri tal-Ordni.

*Artikolu 2*

**Kriterji ta' eleġibbiltà u ta' esklużjoni**

1. Fl-Ordni jistgħu jinħatru biss persuni fiżiċi. Ma għandhomx ikunu eleġibbli gruppi, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet b'personalità ġuridika.

2. Ma għandhom ikunu eleġibbli għall-ebda ħatra fl-Ordni l-membri u l-persunal tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni matul il-mandat tagħhom jew waqt li jkunu fis-servizz.

*Artikolu 3*

**Forma tal-onorifiċenza**

1. Il-ħatra f'kull grad onorifiku fl-Ordni għandha tkun attestata minn ċertifikat iffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew.

2. Mal-ħatra fl-Ordni, il-persuni magħżula biex jirċievu l-onorifiċenza għandhom jirċievu midalja u żigarella fuq virga żgħira tal-metall, kif imsemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5, li jikkorrispondu għall-grad onorifiku li jkunu nħatru fih.

3. Il-midalja li tingħata lil Membru tal-Ordni għandha tkun tal-fidda. Għandu jkollha dijametru ta' 40 mm u titwaħħal b'żigarella blu mwarè wiesgħa 37 mm bi strixxa safra waħda. Iż-żigarella fuq virga żgħira tal-metall korrispondenti għandha tkun blu bi strixxa safra waħda.

4. Il-midalja li tingħata lil Membru Onorevoli tal-Ordni għandha tkun tal-fidda indurata. Għandu jkollha dijametru ta' 40 mm u titwaħħal b'żigarella blu mwarè wiesgħa 37 mm b'żewġ strixxi sofor. Iż-żigarella fuq virga żgħira tal-metall korrispondenti għandha tkun blu b'żewġ strixxi sofor.

5. Il-midalja li tingħata lil Membru Illustri tal-Ordni għandha tkun tal-fidda indurata. Għandu jkollha dijametru ta' 50 mm u titwaħħal b'żigarella blu mwarè wiesgħa 40 mm bi tliet strixxi sofor. Iż-żigarella fuq virga żgħira tal-metall korrispondenti għandha tkun blu bi tliet strixxi sofor.

6. Il-midalji u ż-żigarelli fuq virga żgħira tal-metall għandhom jintlibsu fuq ix-xellug tas-sider, għajr għall-midalja msemmija fil-paragrafu 5, li għandha tintlibes madwar l-għonq. Il-midalji u ż-żigarelli fuq virga żgħira tal-metall ma għandhomx jintlibsu simultanjament.

*Artikolu 4*

**Drittijiet u obbligi**

1. L-appartenenza għal kwalunkwe grad onorifiku tal-Ordni u d-dritt li jintlibsu l-midalja jew iż-żigarella fuq virga żgħira tal-metall korrispondenti għal grad onorifiku speċifiku għandhom ikunu kundizzjonali fuq l-għoti tal-onorifiċenza f'konformità mal-Artikolu 8. Ħadd ma jista' jafferma li jappartjenimal-Ordni jew li għandu grad onorifiku speċifiku fi ħdan l-Ordni sakemm dan ma jkunx formalment ingħata lill-persuna kkonċernata.

2. Il-midalja u ż-żigarella fuq virga żgħira tal-metall għandhom jintlibsu b'mod rispettuż u f'konformità mal-Artikolu 3.

3. L-appartenenza għall-Ordni għandha tagħti d-dritt ta' aċċess għall-gallarija uffiċjali tal-Kamra matul is-seduti plenarji tal-Parlament, f'konformità mad-Deċiżjoni tal- Bureau tat-3 ta' Mejju 2004 dwar ir-Regoli dwar l-aċċess u l-attendenza fil-Kamra u l-iżvolġiment tad-dibattiti.

*Artikolu 5*

**Proposti għall-ħatra**

1. Il-proposti għall-ħatra fl-Ordni jistgħu jsiru:

— mill-President tal-Parlament Ewropew;

— mill-President tal-Kunsill Ewropew;

— mill-President tal-Kummissjoni Ewropea;

— mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li huma membri tal-Kunsill Ewropew; jew

— mill-Presidenti tal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

2. Il-proposti għandhom jinkludu informazzjoni bijografika li tevidenzja l-kisbiet tal-persuna proposta u d-dettalji ta' kuntatt tagħha, kif xieraq. Il-proposti għandhom jiġu ppreżentati b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni lill-kumitat ta' selezzjoni stabbilit skont l-Artikolu 7.

*Artikolu 6*

**Deċiżjoni biex tingħata onorifiċenza**

1. Kumitat ta' selezzjoni, megħjun minn segretarjat, għandu jivvaluta l-proposti li jaslulu skont l-Artikolu 5 u għandu jaħtar lill-persuni fl-Ordni.

2. Il-ħatra inizjali fl-Ordni għandha ssir, bħala regola ġenerali, fl-ewwel livell ta' grad onorifiku. Il-kumitat ta' selezzjoni jista' jiddeċiedi l-ħatra f'wieħed mill-gradi onorifiċi l-oħra fil-każ ta' kisbiet ta' importanza partikolari jew abbażi ta' kisbiet ġodda, skont il-każ.

3. In-numru totali ta' persuni magħżula biex jirċievu l-onorifiċenzagħandu jkun limitat għal massimu ta' 20 fis-sena.

4. Id-deċiżjoni biex tingħata onorifiċenza għandha tiġi nnotifikata lill-persuni magħżula biex jirċievu l-onorifiċenza kkonċernati u għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 7*

**Kumitat ta' selezzjoni**

1. Il-kumitat ta' selezzjoni għandu jikkonsisti minn seba' membri, jiġifieri:

— il-President tal-Parlament Ewropew (*ex officio*);

— żewġ Viċi Presidenti tal-Parlament Ewropew (*ex officio*); u

— erba' personalitajiet Ewropej eminenti.

2. Il-Bureau tal-Parlament Ewropew għandu jaħtar lill-membri tal-kumitat ta' selezzjoni għal mandat ta' erba' snin li jista' jiġġedded.

3. Il-mandat tal-membri *ex officio* għandu jintemm awtomatikament meta ma jibqgħux jokkupaw il-kariga rispettiva tagħhom.

4. F'każ li jinħoloq post battal għal waħda mill-pożizzjonijiet imsemmijin qabel ma jagħlaq il-mandat, il-membru l-ġdid li jkun inħatar għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu biss għall-perjodu li jkun fadal tal-mandat tal-predeċessur tiegħu.

5. Fuq preżentazzjoni tad-dokumenti ġustifikattivi, il-membri tal-kumitat ta' selezzjoni għandu jkollhom id-dritt, fejn xieraq, għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar raġonevoli li jġarrbu biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kumitat ta' selezzjoni.

6. Il-kumitat ta' selezzjoni għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 8*

**Ċerimonja tal-għoti**

1. Ċerimonja annwali għandha sseħħ matul waħda mis-sessjonijiet parzjali tal-Parlament. Ċerimonji addizzjonali jistgħu jiġu organizzati meta jitqies xieraq.

2. Matul iċ-ċerimonja, il-President tal-Parlament Ewropew għandu/ha j/tagħti l-onorifiċenza lill-persuni magħżula biex jirċievu l-onorifiċenza.

3. Fuq preżentazzjoni tad-dokumenti ġustifikattivi, il-persuni magħżula biex jirċievu l-onorifiċenza u l-membri tal-kumitat ta' selezzjoni għandu jkollhom id-dritt għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar raġonevoli li jġarrbu biex jattendu għaċ-ċerimonja.

*Artikolu 9*

**Revoka u rtirar**

1. Il-kumitat ta' selezzjoni jista' jirrevoka l-ħatra fl-Ordni fil-każ li Membru tal-Ordni, ikun xi jkun il-grad onorifiku tiegħu, jew persuna magħżula biex tirċievi l-onorifiċenza, jkunu nstabu ħatja ta' reat b'sentenza definittiva, ikunu wrew diżrispett lejn il-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jew ikunu użaw il-midalja jew iż-żigarella fuq virga żgħira tal-metall b'mod mhux xieraq.

Il-kumitat ta' selezzjoni jista' jirtira onorifiċenza jekk tkun ingħatat abbażi ta' informazzjoni mhux korretta relatata mal-kriterji ta' eleġibbiltà jew ta' esklużjoni jew mal-kisbiet tal-Membru tal-Ordni, ikun xi jkun il-grad onorifiku tiegħu, jew il-persuna magħżula biex tirċievi l-onorifiċenza kkonċernata.

Ir-revoka jew l-irtirar tal-ħatra fl-Ordni għandha ġġib magħha it-telf tad-drittijiet kollha msemmija fl-Artikolu 4.

2. Il-kumitat ta' selezzjoni jista' jiddelega l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 1 lill-President tal-Parlament Ewropew.

3. Il-Membru tal-Ordni, ikun xi jkun il-grad onorifiku tiegħu, jew il-persuna magħżula biex tirċievi l-onorifiċenza kkonċernata għandhom jingħataw il-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub qabel ma tkun adottata d-deċiżjoni skont il-paragrafu 1.

4. Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-persuna kkonċernata u għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ u pubblikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.